**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta' Gunju 2023**

Rikors Numru: 102/23 AL

A B

vs

C D B nee' E

(M.R. Numru 57/2009)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-kontendenti konjugi ikkontrattaw iz-zwieg fis-17 ta' Jannar tas-sena 2009 fil- knisja maghrufa bhala The Bible Baptist Church gewwa l-Gzira (Dokument KM1) u miz-zwieg taghhom huma kellhom zewgt itfal F B, illi twieldet fis- 17 ta' Gunju 2010 u G B illi twieled fl-1 ta' Frar 2017.

2. Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Dottor Clinton Bellizzi, fl-24 ta' Jannar 2023 (Dokument KM2) biex b'hekk gie sodisfatt dak depost fl-Artikolu 66B (b) tal-Kapitolu 16 tal- Ligijiet ta' Malta.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti, biex b'hekk gie sodisfatt dak depost fl-Artikolu 66B (c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis- separazzjoni taghhom irregolaw, inter alia, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu fl-ewwel lok irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l- manteniment minghand xulxin (Artikolu 4 "Spousal Maintenance" tal-istess kuntratt) u fit-tieni lok kienu ikkwantifikaw il-kontribut tar-rikorrent lill- konvenuta lejn il-manteniment ta' wliedhom (Artikolu 11). Jigi skjarit illi qabel ma gie ppubblikat l-imsemmi kuntratt tal-24 ta' Jannar 2023, il-hlas tal-manteniment mill-attur lill-konvenuta ghall-htigijiet tal-ulied minuri, kien regolat b'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti illi gie skruplozament obdut mill-attur. B'hekk gie sodisfatt dak depost fl-Artikolu 66B (d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi għalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni. L-esponent qieghed jannetti l-affidavit tieghu (Dokument KM3).

Talab lil dina l-Qorti sabiex a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 u previa s-smigh tal-partijiet:

1. Tippronunzja id-divorzju bejn il- partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C u tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien indikat fl-Artikolu 66A(4) tal-istess Kapitolu, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

   Bl-ispejjes.

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta’ Frar 2023;

Rat illi l-intimata debitament notifikata msejjha tlett darbiet ma dehritx ghal dawn il-proceduri.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta’ Jannar 2023 u “*de facto”* separati minn Awwissu 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.